MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 654/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Karen Farrugia (K.I. 100078M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mitejn u sebgha u disghin ewro u sebghin centezmu (€297.70) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 9927 0423.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat konteswalment u tal-ittra ufficjali bin- numru

2662/09 u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-6 ta’ Gunju, 2011 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------